**Laqgħa Numru 30**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**25 ta' Ottubru 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.36 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**30.1.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

30.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 29 li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2021 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.3.1 Is-Sindku stieden lill-Arċipriet Daniel Xerri biex jindirizza s-sedja. L-Arċipriet spjega f'aktar dettal it-talba li kien bagħat bil-miktub biex il-Kunsill jikkoloborra biex l-ewwelnett jidħol fi sħab mal-Assoċjazzjoni Rotunda kienet qed taplikka taħt fond għall-għaqdiet volontarji taħt id-DPF fejn setgħet tigawdanja sa €100,000f'fondi u mhux biss sa €70,000 jekk il-Kunsill jidħol fi sħab. Barra minnhekk l-Arċipriet spjega li l-ispiża kienet tlaħħaq sa €177,000 mingħajr VAT u għalhekk talba biex il-Kunsill jikkonsidra biex jikkoloborra f'dan il-proġett li fil-verita' jservi ta' spazju miftuħ fil-pjazza biex tkun tista' tiġi koperta parti mid-differenza li kien baqa. Il-Kunsill għamel numru ta' domandi li l-Arċipriet wieġeb. L-Arċipriet wieġeb u wara li rringrazzja lill-Kunsill ħareġ mill-kamra.

*Il-laqgħa ġiet sospiża biex il-Kunsill seta' jiddiskutti dak li kien talab l-Arċipriet.*

Il-Kunsill qabel li dejjem jekk l-applikazzjoni għar-riġinerazzjoni tal-Kunsill tgħaddi min-naħa tad-DPF, il-Kunsill kellu jikkoloborra fil-proġett b'massimu ta' €20,000. Is-segretarju kellha tinforma lill-Arċipriet b'dak deċiż mill-Kunsill permezz ta' imejl fejn anke telenka li din il-kollaborazzjoni hi biss suġġetta jekk għall-proġett tar-riġinerazzjoni taz-zuntier taħt l-applikazzjoni tad-DPF.

30.3.2 Is-Sindku spjega li kellu talba biex isir sessjoni ta' fotografija f'Masġar Blankas. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni biex din il-persuna tieħu xi ritratti hemm u ma kienx hemm għalfejn jitħallas permess hekk kif ħafna jużaw il-ġnien biex jittieħdu ritratti hemmhekk.

30.3.3 Is-Sindku għarraf lis-sedja li kellu laqgħa mad-Direttur Joyce Farrugia u s-Sur Josef Vella li kienu laqgħu b'entużjazmu l-idea tal-Kunsill biex jsir kors relat maż-żwiemel. Min-naħa tal-Ministeru u Gozo Sports Board diġa' għandhom diversi kuntatti ta' professjonisti li jkunu jistgħu jagħtu sessjonijiet waqt dan il-kors.

30.3.4 Is-Sindku nforma li l-membri tal-Kusnill li l-Perit fuq il-proġett tal-Playingfield tal-Ħamrija kien talab survey tal-playingfield li kien qed jaħdem fuq is-surveyor Jean Paul Cefai.

30.3.4 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellu mal-MIP fuq il-buffer zone fejn min-naħa tal-MIP issuġġerrew li l-Kunsill japplikka għad-devoluzzjoni tal-buffer zone min-naħa ta' fuq ta'



mu

13

Triq Jean De La Valette s'isfel. Dawn kienu lesti li jgħinu biex jirranġawwa kollha. Il-Viċi Sindku elenka li l-problema tkun il-finanzi biex wieħed jidħol għall-proġett ta' din ix-xorta u kobor. Is-Sindku ssuġġerriexxa li tiġi ffissata laqgħa bil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill u li għalih jkunu preżenti l-membri tal-Kunsill kollha.

30.3.5 Is-Sindku spjega li l-appell fuq it-tender tal-Perit kien waqa' u għaldaqstant il-Kunsill seta' jipproċedi biex imexxi l-*awarding* ta' din is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill qabel li kellu mmexxi immedjatament mar-rapport tal-evalwazzjoni biex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt ma' Doric Studio.

30.3.6 Is-Sindku spjega li kellu talba mill-ħaddiema li kien assenjat mal-Kunsill u kien diġa' qed jieħu ħsieb il-latrina matul il-ġimgħa biex dan jibda jiftaħ ukoll il-latrina s-Sibt u l-Ħadd u fil-festi pubbliċi. Il-ħlas mitlub kien ta' €200 fix-xahar. Il-Kunsill iddiskutta l-importanza li din il-latrina tkun miftuħa f'dawn il-ġranet u unanimament qabel ma' dan.

## 30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

30.4.1 Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-lista ta' korsijiet. L-istess Kunsilliera ssuġġerriet li jsir kors tal-bizilla għat-tfal u jkun b'xejn biex nattiraw aktar studenti u tinżamm ħajja din it-tradizzjoni. Ġew diskussi numru ta' korsijiet li s-Segretarju kellu tiċċekja ma' għalliema diversi biex tara jekk humiex interessati biex jagħtu dawn il-korsijiet fosthom tat-tafal, pittura, editing u keep fitness.

30.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Sindku jekk kienx hemm xi żvillupi fuq Trejqet Tal-Barrieri u fuq il-proposta li kien għadda s-Sindku għar-riġinerazzjoni tal-isqaqin fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku wieġeb li l-Ministeru t'Għawdex kien qed se joħroġ skema fuq l-isqaqin fejn imbagħad il-Kunsill ikun jista' japplikka taħtha.

30.4.3 Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet rigward kif kienet ser tingħata l-labra tal-influenza. Is-Sindku wieġeb li s'issa kienet ser tingħata biss mill-Polyclinic fir-Rabat, Għawdex. Is-segretarju spjegat li dawk li huma home-bound it-tilqima kienet ser tingħatalhom d-dar mat-tilqima tal-booster tal-Covid.

30.4.4 Il-Kunsiller Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li qed jidħlu trakkijiet u makkinarju goff fil-HOS tal-Barmil. Il-Kunsill qabel li kellhom isiru tabelli li jindika li dawn mhumiex permessi.

30.4.5 Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet rigward il-One Way minn Triq San Ġwann għal Triq Il-Ħamrija li għadha ma saritx u qed issarraf b'konġestjoni u konfużjoni bla bżonn. L-istess Kunsilliera semmiet it-triq bejn Triq Sansun u Triq Il-Ħamrija. Is-segretarju ħadet nota biex tara kif trid tiġi eżattament peress li hemm korrispondenza fuqha.

30.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrefferiet għal Triq L-Indipendenza fejn qed ikollha diversi ilmenti minn residenti minħabba t-traffiku eċċessiv. Is-Sindku ssuġġerriexxa li ssir konsultazzjoni pubblika fejn jiġu mistiedna r-residenti fejn ikunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku stqarr li jekk isir one-way ser tkun problema biex it-traffiku joħroġ mix-Xewkija hekk kif biex toħroġ minn San Bert, Triq Ġuże D'Amato u Triq



18

Elizabetta għal Triq L-Imġarr tkun problema kbira hekk kif it-traffiku kiber ħafnau din hi t-triq tax-xatt. Il-Kunsill iddiskutta l-possibilta' li jiġi organizzat il-parkeġġ fi Triq L-Indipendenaza pero' ma ttieħditx deċiżjoni.

30.4.7 Il-Viċi Sindku staqsa lis-Segretarju fuq il-kwistojoni tal-isqaqin bl-istess numru fi Triq Santa Katerina. Is-Segretarju wieġbet li kienet għadh ma semgħet xejn u kkuntatjat lis-Segretarju tal-Bord tal-Ismijiet tat-Toroq waqt il-laqgħa stess fejn kkonfermat li kienet ser isir site-visit fil-qrib.

5.45pm *Il-Kunsillier Domenic Zerafa kellu jtlaq mil-laqgħa minħabba impenji personali.*

30.4.8 Il-Viċi Sindku staqsa fuq Trejqet Il-Barrieri fejn fil-laqgħa preċedenti kien talab biex il-Kunsill jiċċekja mal-Lands Authority fuq dak li kien hemm ppjanat fil-passat għal recreational area f'din l-area. Is-Sindku spjega li jkun aktar għaqli li l-Kunsill l-ewwel jagħmel pressjoni biex isir it-triq u imbagħad jaħseb għall-recreational area.

30.4.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet x'kien sar fuq il-BOQ ta' Triq Torri Gorġun. Is-Sindku spjega li l-Perit Micallef kien qed jaħdem biex jipprovdi l-BOQ lill-Ministeru t'Għawdex.

*6.00pm Fil-kamra tal-Kunsill daħal is-Sur Mario Gatt.*

30.4.10 Il-Viċi Sindu ndirizza lis-Sur Gatt u spjegalu li fi Triq Tal-Gidi għadu xejn ma ġie kkonenttejat ma' Triq L-Imġarr. Is-Sur Gatt spjega li wieħed irid jara jekk il-garanzija fuq Triq L-Imġarr għaddietx jew le. Il-Viċi Sindku spjega li għandha ssir laqgħa ma' dawk kollha nvoluti biex issa la parti kbira mit-triq diġa' ġiet żvillupati ssir pressjoni biex din it-triq isir.Il-Kuntrattur kien għad baqalu kont pendenti fuq l-istorm water culver ta' Triq Tal-Ġidi. Mill-banda l-oħra letter of commencement fuq dan ix-xogħol ma ħarġitx mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta li s-Segretarju kellha tkellem lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru biex tipprovdi kopja tat-tender li tinkludi x-xogħol ta' storm water culverts ta' Triq Tal-Gidi u tintalab laqgħa mal-Ministru t'Għawdex ġaladarba jkollna t-tender f'idejna. Is-Sur Gatt talab li l-Kunsill għandu bżonn jirikonnoxxi li x-xogħol sar għax kien bżonnjuż peress li inkella kien ikun inultli x-xogħol sar fi Triq San Bert. Il-Viċi Sindku kkonferma li x-xogħol sar għax kien bżonnjuż. Il-Viċi Sindku spjega li t-tender kien ħareġ mill-Water Services Corporation flimkien mal-Ministeru t'Għawdex.

30.4.11 Il-Kunsill iddiskutta l-kont ta' Triq Sant'Elizabetta u kien deċiż b'mod unanimu li kellu jgħaddi part payment sa €256,000, l-ammont totali tal-fond mill-Ministeru t'Għawdex. Il-Kunsill kelli jerġa' jiċċekkja mal-perit biex jara kif għalkemm il-kont hu ċċertifikat hemm diskrepanza minn dak mitfugħ fit-tender.

30.4,12 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni rigward l-ispiża tas-sleeping police fit-toroq. Ġie diskuss li l-ispiża hi sostanzjarja u għaldaqstant il-Kunsill għandu jżomm lura milli jagħmel dawn l-isleeping police. Saret referenza kemm għall-isleeping police mitluba fi Triq Il-Kbira u anke fi Triq Torri Tingi

## 30.5 Permess fit-Toroq

30.5.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet il-kwisjoni li kuntratturi li jkunu qed jaħdmu fuq siti ta' kostruzzjoni qed jagħmlu tabelli ta' No Parking u joħolqu problema lir-residenti. Is-Sindku spjega li wieħed m'għandux kontroll meta persuni jaqbdu u jwaħħlu tabelli huma stess pero' ma jfissirx li wieħed ma jistax jipparkja. Il-Kunsill iddiskutta li sfortunament hawn kuntratturi li jaħdmu bla permess. Is-Sindku spjega li b'tabelli mwaħħla minn terzi

## 30.6 Jum Ix-Xewkija

30.6.1 Il-Kunsill iddiskutta l-preparamenti għall-programm tal-Jum Ix-Xewija li kien ser jittella' s-Sibt 27 ta' Novembru waqt li nqrat il-lista ta' nominate kemm għall-Ħidmet Iż- Żgħażagħ u anke għal Ġieħ Ix-Xewkija. Il-votazzjoni kellha ssir il-ġimgħa ta' wara l-laqgħa.

## 30.7 Il-Milied

30.7.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jsir Christmas Market f'Masġar Blankas b'ħinijiet differenti. Is-Sindku spjega li kienet ġiet sotomessa applikazzjoni taħt skema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jittella' Christmas Market fil-pjazza bil-kolloborazzjoni tal-għaqdiet. Il-Kunsill iddiskutta li ż-żmien huwa limitat biex wieħed itella' workshops f'Masġar Blankas waqt li s-Sindku. Għaldaqstant is-Sindku ssuġġerriexxa li bħala Kunsill jibda jaħseb għal xi ħaġa għal żmien ir-Randan. Il-Kunsill iddiskutta li l-pandemija ħassret ħafna attivitajiet kulturali li kienu jsiru. Issemmiet il-Ballata li ukoll sfortunatament il-pjanijiet biex din tittella' sfaxxaw l-istess.

## 30.8 Post vacant ta' skrivan

30.8.1 Is-Sindku spjega li s-Senior Clerk Bernardette Vella kienet bdiet bil-pre retirement leave. Is-Sindku spjega li kellha toħroġ sejħa għal skrivan hekk kif fil-preżent l-istaff fil-Kunsill kienu biss l-Assistent Prinċipal u s-Segretarju u l-Assistant Prinċipal Mary Haber taħdem mid-dar. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux li f'dan l-istadju toħroġ sejħa għall post ta' vacant. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex is-Segrtarju tiċċekja mal-librara biex tara jekk taċċettax li taħdem siegħat extra fil-Kunsill u titħallas tad-differenza.

**30.8.2** Is-Segretarju talbet biex kemm hi u kemm l-Assistant Prinċipal ikunu jistgħu jerfgħu leave għas-sena li ġejja bis-Segretarju terfa' 78.5-il siegħa u l-Assistant Priċipal jerfa' 87.50-il siegħa Dan fid-dawl li fil-mument kien hemm ta' nuqqas ta' staff u l-Assistant Prinċipal Maru haber kienet qed taħdem mid-dar minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**30.9 Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Play Equipment Playingfield Ħamrija**

30.9.1 Is-Segretarju spjegat li l-evalwazzjoni ma kinitx konklusaa hekk kif kien hemm xi klarifikazzjonijiet li ġew mitluba lill-kuntrattur li tefa' l-offerta.

**30.10 Korrispondenza u Ilmenti**

30.10.1 6/11/2021 Korrispondenza mingħand il-President tal-AKL dwar il-Webiner Planning and a Team Mentor Aid Session fil-15 ta' Ottubru, 2021.

30.10.2 06/11/21 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttiva dwar il-Ftuħ tat-Tender tal-Playing Field tal-Ħamrija fejn ġew infurmati li kien hemm Tender waħda biss.

30.10.3 07/10/21 Cirkulari 10 – 21 dwar Estensjoni tal-Mandat tal-Eżekuttiv tal-AKL.

30.10.4 07/10/2021 Cirkulari SPI/SCI/6/2021 dwar Espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2021.

30.10.5 07/10/2021 Korrispondenza mingħand il-President tal-AkL biex ifakkar dwar Cir AKL 2021/096 Webiner Social Field Youth and Criminality 2020/2021.

30.10.6 07/10/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Eżekuttival lil Assistant Principal li r-Records mingħand MEDE kienu waslu tas-sick leave.

30.10.7 12/10/2021 Korrispondenaza mingħand il-President tal-Akl dwar Webinar li ser jiġi organizat għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi.

30.10.8 12/10/2021 Cirkular AKL 2021/101 EUCF 3rd Call-Online Webinar li ser isir fit-18 ta' Ottubru, 2021 fl-10.30a.m

30.10.9 12/10/2021 Sistema ta' Permessi Online għall-Kunsilli Lokali it-Tieni Sezzjoni Microsoft Teams Meeting.

30.10.10 CIR No: SPI/SCI/7 2021 – Fondi ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġett Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

30.10.11 14/10/2021 Cirkulari SPI/TW/8/2021 Proċess ta' Ġemellaġġ minn Reġjun/Kunsilli Lokali.

30.10.12 18/10/2021 Poinsetta campaign in aid of id-Dar tal-Providenza.

30.10.13 18/10/2021 Aġenda Numru 30 mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera li ser issir it-Tnejn 25 t'Ottubru, 2021 fl-4.30p.m.

30.10.14 20/10/2021 Cir AKL 2021/106 President's Fun Run.

30.10.15 20/10/2021 Korrispondenza mingħand Liva Spike Marketing and Communications Director għall-Applikazzjoni għal Erasmus + project in Ireland.

30.10.16 20/10/2021 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera tal-Iskeda ta' Pagamenti mingħand is-Segretarja Eżekuttiva.

30.10.17 21/10/2021 Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill mibgħuta mingħand is-Segretarja Eżekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera.

30.10.18 22/10/2021 Korrispondenza mingħand Dr. Mario Saliba fuq il-Ktieb li kiteb jismu 'Ħajja, Mewt, il-Mard u s-Saħħa' biex jekk iridu jakwistaw koppja jikkuntattjawh.

30.10.19 25/10/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tal-Għawdex dwar laqgħa li għandha ssir mal-Ministru tal-Edukazzjoni nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru fl-4.00p.m. ġewwa s-sala tal-Lukanda ta' San Lawrenz. Din ser issir għal-Kunsilli kollha ta' Għawdex.

30.10.20 25/10/2021 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill fejn talab lill-Kunsill jieħu il-Pożizzjoni tiegħu dwar – Summer Break Time – Gozo Tourism Area.

30.10.21 22/09/2021Cir AKL 2021/085 AKL Webinar - Social Field: Community Development 22/09/2021

30.10.22 Cir AKL 2021/093 Covenant of Mayors

30.10.23 Cir AKL 2021/092 ĠEMMA sessjoni informattiva għall-Kunsilli Reġjonali/ Lokali

30.10.24 PCRB Case 1625 – XLC/01/2021 Tender for the Provision of Architectural Consultancy Services in Relation to Projects Undertaken by Xewkija Local Council

30.10.25 Cir AKL 2021/095 MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

30.10.26 20/10/2021 Cir AKL 2021/096 AKL Webinar - Social Field: Youth and Criminality

30.10.27 Cir AKL 2021/097 Sessjoni Informattiva - Working towards safer communities - Community Policing & CRPD

30.10.28: Cir AKL 2021/099 Litterless challenge to local councils 18 - 28th October 2021

30.10.29 Planning MT - Newsletter Issue no 35/21

30.10.30 CIRKULARI 09/2021 - Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lil ħaddiema tal-iskejje

**30.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

30.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**30.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

30.12 Il-laqgħa ntemmet 7.36pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 29 ta' Novembru 2021 fl-4.30pm.

Konfermati, illum 9 ta' Diċembru 2021

Hubert Saliba

Sindku

Marion Attard

Segretarju Eżekuttiv